## Kampjonat 1962-63

# Floriana jkomplu għaddejjin bir-rekord ta' 17-il rebħa nfila

minn **Tonio Farrugia**

### It-Tieni Ġurnata

**13-10-1962**
**Valletta FC – Hibernians FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Tommy Restall**
**Skurjaw: S. Rapinett (V) 71' u M. Azzopardi (V) 73'.**

**Valletta FC**: Alfred Stivala, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Nenu Chircop, Josie Urpani, MarOio Azzopardi, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci (Silvio Rapinett 53').

**Hibernians FC**: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Sunny Anastasi (Fredu Church 46'), Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi, Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Victor Cassar irritorna fl-ewwel team ta' Hibernians FC. Huwa kien tilef l-istaġun li għadda wara li kien irregistra kemm ma' Sliema Wdrs kif ukoll ma' Hibernians FC.

2. Il-goalkeeper Alfred Stivala iddebutta ma' Valletta meta ġie msejjaħ ftit qabel il-partita biex jilgħab wara li l-goalkeeper regolari Tommy Taylor avża lill-club Belti fl-aħħar ħinijiet li kien qed iħossu ma jiflaħx. Fil-fatt minkejja li l-qagħda finanzjarja ma kenitx waħda tajba, Valletta kienu rrifjutaw £300 mingħand Birkirkara qabel il-kampjonat biex żammew lil Stivala magħhom minħabba li l-goalkeeper Zarb Cousin kien jinsab għal xi xhur fuq kors l-Ingilterra u Valletta ma kellhomx riserva talgoalkeeper regolari Tommy Taylor.

3. Sunny Anastasi lagħab fil-pożizzjoni nsolita ta' right wing f'din l-aħħar dehra tiegħu ma' Hibernians f'dan l-istaġun. Filfatt ġurnata wara, Anastasi kien irritorna l-Ġermanja fejn kien fuq Servizz twil mal-Armata.

**14-10-1962**
**Sliema Wdrs. FC – St. George's FC 3-3**
**H.T 1-2**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: E. Mizzi (St. Geo) 15', J. Cini (Sl) 30', F. Delia (St. Geo) 44', L. Mizzi (St. Geo) 60', R. Buttigieg (Sl) 80' u P. Fitzgerald (Sl) 86'.**

**Sliema Wdrs. FC**: Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici (Norman Scott 61'), Robbie Buttigieg, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Peter Fitzgerald, Joe Cini, Edward Aquilina, Sammy Nicholl.

**St. George's FC**: Albert Borg, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Leonard Mizzi, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Peppi Delceppo, Victor Brincat, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Freddie Delia, Wally Hili.

1. Ftit wara t-tielet goal ta' St. George's ir-referee Pawlu Bonnett keċċa lil Louis Gauci tas-Saints u lil Joe Cini tal-Wanderers wara li dawn gew fl-idejn wara daħla ta' Joe Cini fuq il-goalkeeper Albert Borg.

2. Wally Hili ġie ammonit mir-referee Pawlu Bonnett wara li dan ħalla l-ground u mar jargumenta mal-partitarji tat-team tiegħu stess.

**20-10-1962:**
**Ħamrun Sp. FC – Rabat FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skorja: Ġ. Dimech (Ħ) 82'.**

**Ħamrun Sp. FC**: George Sciberras, Ronnie Armeni, Martin Attard, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, George Cuschieri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Albert Calleja (Gejtu Briffa), Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras, George Micallef (Twanny 'Il-Ginger' Cassar 67').

**Rabat FC:** Charles Slowe, Joe Bugeja, Edward Previ, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Charles Nappa, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Freddie 'Is-Sir' Cauchi (Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi 46'), George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Charles Zammit, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo (Cristiano).

1. Ma' Rabat FC komplew jiddebuttaw diversi players ġodda li ġew akkwistati fis-sajf biex isaħħu t-team tagħhom firritorn fl-Ewwel Diviżjoni. Edward Previ ġie akkwistat mingħand Hibernians FC, Cristiano mingħand it-team tat-Tieni Diviżjoni Gżira United u Freddie Cauchi, akkwistawh mingħand Floriana. Cauchi fil-fatt ma kienx lagħab fl-ewwel logħba tal-kampjonat kontra Floriana għax ma xtaqx jilgħab kontrihom.

2. Ronnie Armeni tal-Ispartans ġie akkwistat mingħand Sliema Wdrs fittrasferimenti tas-sajf.

**21-10-1962:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 6-2**
**H.T 2-2**
**Ref: Joseph F. X. Galea**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 15', B. Dalli (F) 21', L. Tonna (B) 30', N. Chappelle (B) 31', C. Bennetti (F) pen. 48, P. Demanuele (F) 52' u T. Cauchi (F) 63' u 75'.**

**Floriana FC:** Lino Mizzi (Charlie Fabri 46'), Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Lolly Borg, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Birkirkara FC:** Peter Galea, Tony 'Euchar' Grech, Leli Mallia, Leli Pace, John Camilleri (Leli 'Id-Diju' Borg 35'), George Dalli, John Micallef, Carmelo Galea (Toni Caruana 53'), Louis Bugeja, Leli Tonna, Neville Chappelle.

1. Lino Mizzi ta' Floriana ġie akkwistat mingħand Ħamrun Spartans. Fid-debutt tiegħu huwa kkometta żewġ żbalji f'temp ta' minuta li minnhom l-Istripes għamlu liskor indaqs. Mizzi ġie mibdul fil-mistrieħ ma' Nenu Fabri.

2. Leli Tonna ta' Birkirkara kien filformazzjoni minkejja li kien dubjuż meta kien imweġġa'.

Klassifika: Valletta FC u Floriana FC 4 pti.; Sliema Wdrs. FC u Ħamrun Sp. FC 3 pti.; St. George's FC u Birkirkara FC 1 pt.; Hibernians FC u Rabat FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: T. Cauchi u B. Dalli (Floriana FC) 4 goals; C. Bennetti (Floriana FC) 2 goals.

### It-Tielet Ġurnata

**27-10-1962:**
**Hibernians FC – St. George's FC 1-0**
**H.T 0-0**

**Ref: James Sawyer**
**Skorja: L. Sultana (H) 54'**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, John 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Johnnie Attard, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Jimmy Mizzi, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb (Fredu Church), Leli Sultana.

**St. George's FC:** Albert Borg, Karmenu Frendo, Joe Brincat (G. Tabone 46'), Peppi Delceppo, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Leonard Mizzi, Edward Darmanin (Franz Buttigieg), Victor Brincat, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Wally Hili.

1. Hibernians kienu għadhom kemm irritornaw fil-5.30 p.m. tal-ġurnata ta' qabel minn Madrid fi vjaġġ ta' strapazz b'waqfiet f'Napli u Ruma wara li kienu lagħbu kontra Atletico Madrid fit-Tazza tal-Fieri (illum Europa League). Hemmhekk huma kienu lagħbu taħt il-floodlights u quddiem folla ta' 50,000 spettatur – il-players Pawlisti la qatt kienu lagħbu taħt id-dawl artifiċjali u lanqas quddiem folla daqshekk kbira. Huma kienu tilfu 4-0 b'wirja kbira tal-goalkeeper Freddie Mizzi.
2. Kemm Louis Theobald ta' Hibernians kif ukoll Karmenu Frendo ta' St. George's kienu inklużi fit-timijiet tagħhom minkejja li kienu dubjużi. Theobald weġġa' fil-partita kontra Atletico filwaqt li Frendo kien qed ibati minn uġiegħ f'irkopptu.
3. Din kienet l-unika partita ta' tmiem il-ġimgħa minħabba li l-Ħadd, 28 ta' Ottubru, ma sarx logħob għax kienet il-festa ta' Kristu Re.

**01-11-1962:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 3-1**
**H.T 0-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: A. Pisani (S) 66', M. Azzopardi (V) 68', S. Nicholl (S) 71' u P. Fitzgerald (S) 83'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef (Tony Griffiths 53'), Peter Fitzgerald, Alfred Pisani, Edward Aquilina, Sammy Nicholl.

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Nenu Chircop, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit (Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci 57'), Silvio Rapinett.

1. Din il-partita ntlagħbet fost il-ġimgħa, il-Ħamis, 1 ta' Novembru 1962, li kienet festa kmandata.
2. Il-goalkeeper Alfred Pisani għal darb'oħra lagħab fil-pożizzjoni ta' centre forward ma' Sliema Wanderers u anke niżżel ismu fost l-iskorers meta fetaħ l-iskor b'xutt qawwi bix-xellug u kellu sehem fiż-żewġ goals l-oħra. Huwa kien ġie nfurmat li ser jilgħab ftit qabel il-partita wara li weġġa' l-attakkant regolari tal-Wanderers Joe Cini.
3. Robbie Buttigieg ġie inkluż fit-team Slimiż minkejja li kien dubjuż tant li ma kienx lagħab fil-friendly ta' ftit jiem qabel kontra l-Fusiliers.
4. Ix-xita bil-qliel li niżlet fl-aħħar għaxar minuti tal-partita ċaħħdet lil Sliema Wanderers mir-raba' goal meta mix-xutt ta' Alfred Pisani, il-goalkeeper Taylor żelaqlu l-ballun li kien dieħel fix-xibka iżda weħel fl-ilma u ma qabiżx il-linja tal-goal.
5. Minkejja x-xita li kompliet nieżla wara l-partita, il-partitarji Slimiżi mat-tisfira finali qabżu fil-ground u refgħu fuq l-ispallejn lill-players tagħhom għal din ir-rebħa mhux mistennija. L-aħħar li ltaqgħu fil-kampjonat Valletta kienu għelbu lill-Wanderers 7-0.
6. Wara snin twal ta' servizz Sliema Wanderers ittrasferew lill-player Maurice Walsh li sieħeb lil Senglea għal £300. Sadanittant anke Leli Sammut ġie trasferit lil club ieħor tat-Tielet Diviżjoni, Żebbuġ Rangers.

**03-11-1962:**
**Rabat FC – Birkirkara FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: N. Chappelle (B) 13' u Ġ. Tonna (R) 43' u 67'.**

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Bugeja, Edward Previ, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Charles Nappa, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Charles Zammit (Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi 66'), Ġorġ 'Ta' Ġulinu' Tonna, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, John Sapiano (Pawlu 'Il-Fulier' Said 26').

**Birkirkara FC:** Peter Galea, Tony 'Euchar' Grech, Leli Mallia, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Leli Theuma, Carmelo Galea (John Micallef 58'), Louis Bugeja, Leli Tonna, Neville Chappelle (Toni Caruana 46').

1. Rabat FC skorjaw l-ewwel goals, kisbu l-ewwel rebħa u ħadu l-ewwel punti tal-kampjonat. L-eroj tagħhom kien George Tonna li kien l-aqwa skorer tat-Tieni Diviżjoni fl-istaġun ta' qabel b'14-il goal minn 14-il partita. Fil-fatt fil-friendlies tas-sajf l-istess Rabat kienu kisbu l-unika rebħa tagħhom kontra Birkirkara wkoll meta, fit-23 ta' Settembru, 1962, kienu għelbuhom 4-0 b'żewġ goals ta' Pawlu Said u goal kull wieħed minn Ġorġ Tonna u Twanny Vassallo.

F'dawn il-friendlies tas-sajf Rabat kellhom bi prova magħhom lill-player Taljan Antonio Arena li għalkemm kien mistenni ħafna minnu ftit ħalla mpressjoni tajba u ma lagħabx iktar mal-Magpies.

**04-11-1962:**
**Floriana FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: Ġ. Dimech (Ħ) 1', T. Cauchi (F) 25' u L. Borg (F) 50'.**

**Floriana FC:** Charlie Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Lolly Borg, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Ħamrun Sp. FC:** George Sciberras, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, George Cuschieri, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Albert Calleja, Freddie 'It-Tirjule' Borg (Johnnie 'Il-Bipu' Mifsud 77'), Twanny 'Ix-Xixu' Sciberras (Gejtu Briffa 66'), Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. L-Ispartans fallew okkażjoni kbira tad-draw meta minuta mit-tmiem George Cuschieri ixxuttja għoli minn penalty.
2. L-aħwa George u Twanny Sciberras ta' Ħamrun Spartans it-tnejn ġew akkwistati mingħand Sliema Wanderers fit-trasferimenti tas-sajf.
3. Din kienet is-17-il rebħa nfila għal Floriana.

Klassifika: Floriana FC: 6 pti.; Sliema Wdrs. FC 5 pti.; Valletta FC 4 pti.; Ħamrun Sp. FC 3 pti.; Hibernians FC u Rabat FC 2 pti.; St. George's FC u Birkirkara FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: T. Cauchi (Floriana FC) 5 goals; B. Dalli (Floriana FC) 4 goals; N. Chappelle (Birkirkara FC); C. Bennetti (Floriana FC); Ġ. Dimech (Ħamrun Sp. FC); G. Tonna (Rabat FC); S. Nicholl u P. Fitzgerald (Floriana FC) u M. Azzopardi (Valletta FC) 2 goals.

## AĦBARIJIET

Fl-1 ta' Novembru, 1962, fir-rebħa ta' 2-1 ta' San Ġwann fuq (Msida) St. Joseph FC, dawn tal-aħħar spiċċaw b'sitt players fil-ground meta r-referee Anthony Willoughby keċċielhom ħames players – Marmara, Axiak, Agius, Monsigneur u Bond. B'kollox fil-partita tkeċċew sitt players meta A. Borg ta' San Ġwann ukoll kien tkeċċa fl-ewwel taqsima. In-numru ta' players imkeċċija jieħu dimensjonijiet ikbar meta wieħed jiftakar li l-partiti tat-Tielet Diviżjoni f'dak iż-żmien kienu jdumu 60 minuta – tlietin minuta kull taqsima.

Fis-26 ta' Novembru, 1962, ir-referee Turu Lentini flimkien mal-linesmen Joe Cassar Naudi u Ritchie Casha ħallew Malta għal Napli fejn kienu ser jikkontrollaw il-partita mit-Tazza tal-Fieri bejn Napoli u Ujpesti Dosza tal-Ungerija. Magħhom tela' ukoll il-president tal-MFA Eugenio Bonello.